MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 353/2010

**Security Solutions Limited (C31683)**

**Vs**

**Ramon Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-Socjeta' attrici pprezentat fit-18 ta' Frar, 2010, fejn ippremettiet:

Illi l-intimat jigi kkundanat ihallas is-somma ta' sitt mija u hames Ewro u tlieta u sittin centezmu (€605.63c) liema somma tirraprezenta prezz ta' bejgh u installar ta' intercom fil-fond tal-konvenut is-Swieqi.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet mid-data tal-installar kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 11 ta' Gunju, 2010 fejn eccepixxa illi:

Preliminarjament s-Socjeta' attrici ma ghandha u qatt ma kellha relazzjoni guridika mal-konvenut.

Illi minghajr pregudizzju, ebda ammont ma hu dovut mill-konvenut lilha.

Ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra s-Socjeta' attrici.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati u ra l-atti kollha tat-talba.

**Ikkunsidra**

**Alfred Zarifa** xehed illi huwa d-Direttur tas-Socjeta' attrici. Il-konvenut kien ordna sett intercom u dan kien gie mwahhal fuq il-post tal-konvenut. Il-konvenut ma hallasx ghaliex kellu *component* nieqes liema *component* gie ordnat u wasal permezz ta' DHL tlett ijiem wara l-ewwel *site visit*. [1]. Is-sistema hadmet – infatti hemm zewg *job sheets* biex jindikaw

[1] Ara l-ewwel job card

dan. Ix-xhud ikkonferma li hu dejjem tkellem ma’ Ramon Micallef li qatt ma ndikalu li kien jahdem ghall-kumpanija jew ma kienx qed ‘jiddilja’ f’ismu propju. Spjega illi s-Socjeta’ kienet jisimha Rifatronix pero inbiddel l-isem imma c-‘C’ number baqa’ l-istess.[2]

In kontro ezami xehed illi originarjament il-klijent gie jixtri intercom. Dan ried jinstallah hu stess. Jekk jinstallah hu stess il-garanzija ma tghoddx. Infatti wara ftit kien gie lura ghaliex ma kienx qed jahdem u meta marru *on site* indunaw illi kien hemm *cable* li kien mghoddi hazin. Infatti dawn ordnawlu l-*cable* ghaliex dan kellu jigi sostiwit (*see evidence* a fol 48). *Surveillance power box* m’ghandha x’taqsam xejn mal-intercom. Fir-rigward tal-*cable* ukoll dan kien hadu hu stess mill-hanut.

Xehed **Ramon Micallef** li spjega illi r-relazzjoni li kellu ma kinitx mas-Socjeta’ attrici izda mas-Socjeta’ Rifatronix Ltd. Ikkonferma illi hu kien xtara intercom minghand din is-Socjeta’ xi tliet snin ilu. Ix-xhud jispjega illi hu jiftakar li kien mar jinnegozja ma’ Rifatronix Ltd u kien xtraha minghand Rifatronix Ltd. Kien ordna intercom u CCTV. Kien hallas depozitu ghaliex ma kellux *in stock*. Il-valur ta’ dan l-intercom kien ta’ elfejn u hames mitt ewro (€2,500) u hu hallas nofsu.

Ix-xhud jghid illi meta dan min-naha tas-Socjeta` Rifatronix Ltd kienu gew iwahhlu dan l-intercom, *it-technicians* kienu sabu xi problema u dan kien minn naha tas-sistema li kienu gabu huma stess, u dan wara gurnata xoghol li ppruvaw mit-tmienja ta’ filghodu sat-tlieta ta’ wara nofs inhar fejn damu jippruvaw iwahhlu dan l-intercom, u dan l-intercom ma rnexxilhomx iwahhluh u ma kienx qieghed jahdem; u r-raguni kienet ukoll ghaliex kien hemm zewg *monitors* minn gewwa li ma kienux qeghdin jifthu. Ix-xhud spjega illi din l-installazzjoni saret fid-dar tieghu u hu kien ried jinstalla sett fil-kcina u sett fil-kamra tal-banju, u sett wara l-bieb ta’ barra; u kellu wkoll jinstalla intercom ghal *gate* ta’ barra u l-bieb principali ghad-dar. Ix-xhud jispjega illi l-intercom ghal *gate* u ghal bieb ta’ barra ma kienx possibbli li jinfethu separatament, izda jekk jaghfas il-buttuna kienu jinfethu t-tnejn, u din minn naha tal-kamra tas-sodda minn fejn suppost li ‘nfethu separatament u min-naha tal-

[2] Ara Dok a fol 23

kcina ma kien qed jinfetah xejn. Ix-xhud jispjega illi mill-intercom ta' wara l-bieb ta' barra kien jinfetah biss il-bieb ta' barra u mhux il-gate. Gie 'nfurmat illi din kienet l-ewwel darba li kienu qed jinstallaw din it-tip ta' sistema u riedu jiccekjaw mas-*supplier* taghhom. Wara xi erbat ijiem regghu gew izda meta gew biex iwahhluhom ra illi l-*fault* ma setax jigi rrangat u t-tieni darba li kienu gew zarmaw l-*indoor unit* u kienu haduh maghhom, u dan kien ukoll iffirma xi karti li kienu t-*time sheet* tal-haddiema li kienu gew fil-post tal-konvenut. Micallef iddikjara illi kien cempel lil Alfred Zafira min-naha ta' Rifatronix, u peress li kien gia hallsu elf u mitejn u hamsin ewro (€1,250) ried ikun jaf ghalxiex kien qed jiffirma; u kienu qalulu li kienu riedu jibghatu barra biex jirrangaw dan il-fault; u hu informah li hu kien hallas ghal xi haga gdida u ma ppretendiex li ghandha tissewwa. Ix-xhud jispjega illi ghadda iktar minn xahar u meta wasal dan l-apparat kien cempillu sabiex jinstallawh. L-apparat kien gdid u gie installat. Kienu damu b'kollox xi siegha u nofs; u meta giet sussegwentement is-sistema hadmet. Appena installawhom il-haddiema ipproducew it-*time sheets* u jiena ergajt cempilt lil Zafira u qalli li jiena kelli niffirma dawn il-karti sabiex huma minn naha taghhom ikunu f'pozizzjoni li 'jillogjaw' il-hinijiet tax-xoghol illi kienu ghamlu l-haddiema taghhom. Ftit jiem wara hallashom id-differenza tas-somma maqbula.  Wara erba' gimghat irceva kont iehor. Is-sistema tal-video ma bdietx tahdem u infatti cemplihom pero ma bghat lil hadd sabiex jigi jara s-sistema. Dan id-difett ghadu hemm sallum. Ix-xhud rega kkonferma illi hu hallas ghall-*'wiring installation'*, CCTV u intercom fis-somma ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500). Illi meta kellu l-haddiema tieghu li kienu ghaddew il-*piping* u kull ma kellu jaghmel l-attur huwa li jghaddi l-*wiring*. Jiccara illi kienu l-haddiema tieghu li fil fatt ghaddew il-*wiring* pero l-installazzjoni tal-intercom u tal-*wiring* kienu l-haddiema ta' Zarifa li ghamluh. Meta ffirmaw il-*job cards* kien talab kjarifika ghaliex skont il-konvenut dawn kienu parti mill-*package* pero Zarifa kien qalu li dak kien sabiex ikollu idea cara tal-hinijiet.

It-Tribunal ra dok "RM 1" li huwa l-istatement tal-prodott li kien mixtri mill-konvenut. Il-prodott kien inxtara fl-24 t' April, 2008 u l-ahhar pagament kien sar fis-6 ta' Settembru, 2008.

Sussegwentement inhareg *invoice* ohra fid-29 ta' Settembru, 2008 fis-somma ta' sitt mija u hames ewro (€605). Ix-xhud jispjega illi *service charge* ta' tlett mija u sitta u disghin ewro (€396), hu, ghalkemm kien talab servizz qatt ma kien inghata lilu, u anke kieku gew, din is-sistema kienet ghadha taht garanzija, u l-prodotti li hemm imnizzlin f'din il-fattura zgur li

huma l-prodotti li kienu necessarji sabiex jithaddem dan l-intercom *system* li ma kienx qieghed jahdem. Hu qatt ma kien semmieli l-ebda kont qabel. Ix-xhud jispjega wkoll illi din is-sistema kienet ghadha kif giet nstallata ftit xhur qabel u zgur li ma 'ppretendiex illi kellu jhallas kemm ghas-*service charge* u kif ukoll ghal prodotti li gew mibdula sabiex jahdem is-servizz li kien ordna; u jghid illi dawn il-*parts* hu qatt ma kien ordnahom huwa stess.

**James Aloisio** xehed li kien is-Service Manager ta' Security Solutions Limited li kienet tghaddi bl-isem Rifatronix. Ikkonferma illi Sur Micallef kien xtara monitor *b'audio syste*m tad-ditta Comolite. Dan kien hadu mieghu. Zied illi d-ditta kienu jaghmlu l-*installations* pero kien cempel l-electrician tas-Sur Micallef ghal-i*specifications* biex jaghmel hu l-*installations* pero mbaghad kien ikkuntatja d-ditta biex l-*installation* naghmluh ahna. Kien prezenti meta marru jaghmlu l-*installation* pero ma hadimx wara l-ewwel on site visit kienu hadu l-apparat lura lejn il-*workshop* ghax ma setghux jsibu x'kienet il-problema. Saru jafu li kien il-module tal-monitor li kien jiftah il-bieb u ghalhekk peress illi ma kellhomx wiehed *in stock* ordnawh. Dan wasal u ghalhekk marru lura biex jinstallawh. Iddikjara li l-kit kien jahdem meta 'nstallawh. Hu kkonferma illi Micallef xtaq li l-*gates* jinfethu b'mod partikolari pero din ma setghetx issir.

**Ikkunsidera**

Illi dan huwa ammont ghall-bejgh u 'nstallazzjoni ta' intercom. Jidher illi l-prezz kien ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500). Il-konvenut hallas nofs imbaghad hallas il-bilanc. Illi dwar l-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur t-Tribunal ma jistax jilqa' din l-eccezzjoni ghaliex huwa pacifiku illi tibdil fl-isem ma jfissirx tibdil fil-persuna. Is-Socjeta' attrici baqghet l-istess wahda.

Dwar il-mertu:

It-Tribunal jinnota illi l-verzjonijiet tal-partijiet huma kontrastanti ghall-ahhar. Min-naha wahda s-Socjeta' attrici tirrevolgi it-talba taghha madwar il-fatt illi l-konvenut kien xtara intercom u hallsu u l-installazzjoni kien ser jaghmilha l-klijent. Illi kien minhabba f'hekk illi

kellu l-problemi u ‘nqalghu l-ispejjez tal-*invoice* in kwistjoni mertu tal-kawza odjerna ‘SS2’. Min-naha l-ohra l-konvenut jghid illi dan ma kienx il-ftehim; li l-electrician tieghu ghadda l-pipijiet u il-*wiring* ukoll pero l-installazjoni kellha taghmilha s-Socjeta’ attrici. Illi meta t-Tribunal ghandu quddiemu kunflitt ta’ provi ghandu jara li min huwa l-aktar kredibli. Ara **Farrugia vs Farrugia**[3] fejn intqal li:-

*“Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita’ u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f’kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant”.*

Min-naha wahda: Zarifa ghas-Socjeta’ attrici qal li l-wiring kien imwahhal hazin ghaliex kien ghamel ix-xoghol l-‘electrician’ ta’ Micallef ghalhekk meta marru niesu kellhom jergghu jaghmlu x-xoghol mill-gdid. Illi hareg mill-provi li Micallef xtara l-mudell ta’ intercom u CCTV u hadha mieghu. Min-naha l-ohra: Il-konvenut iddikjara illi meta l-ewwel installaw l-intercom kien hemm *component* nieqes dan infatti gie konfermat mis-Socjeta’ attrici. Wara li rcevew il-*component* marru jinstallawh u zarmawh. Regghu marru t-tielet darba biex jinstallaw l-intercom bil-*components* kollha. Jidher illi ghal dan ghamlu kont.

Mill-provi gie kkonfermat li l-installazzjoni kellu issir minn Micallef *ossia* l-electrician tieghu. Infatti ghalkemm Zarifa ma kienx car fuq dettalji gie ikkoroborat minn Aloisio li qal:

“*kien cemplilna l-electrician tas-Sur Micallef u talabna l-ispecs tal-mudell li konna beghnielu biex jaghmel l-installation pero hu ma kienx ghamel l-installation imbaghad kien ikkuntattjana is-Sur Micallef.”*

[3] (P.A. - 24 ta’ Novembru, 1966) Ara ukoll **“George Bugeja vs Joseph Meilak”** (P.A.(TM) - 30 t’ Ottubru, 2003)

Ghalhekk it-Tribunal ihoss li ghandu jemmen lis-Socjeta’ attrici. Ghalhekk l-installazzjoni ghandha tithallas apparti.

Pero apparti xoghol ta’ wiring u nstallazzjoni hareg illi kien hemm *component* nieqes jew diffettuz u li ma setghux issibu tarf tal-problema wara l-ewwel *site visit*. Ghalhekk il-fatt li damu gurnata biex issibu l-problema u li mbaghad kien biss meta marru il-workshop li saru jafu li kellu problema m’ghandux ihallas ghalih il-konvenut. Ma jidhirx lanqas illi l-*component* kien indikat fl-*invoices.*

Illi skont l-invoices l-ammont kien maqsum fi spejjez ta’ cable, surveillance box u spejjez ohra u service charge fl-ammont ta’ tlett mija u sitta u disghin Ewro u dsatax-il centezmu (€396.19c) li kien bazat. Illi fir-rigward tas-*service charge* t-Tribunal ihoss li m’ghandux jhallas ghall-ammont kollu peress illi ntilef iz-zmien biex isolvu problema li kienet parti ntegreali tal-apparat mibjugh u ghalhekk is-Socjeta’ attrici ma kellhiex ticcargja ghall-hin kollu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad l-ewwel eccezzjoni tal-legittimu kontradittur tal-konvenut u jilqa’t-talba in parti fl-ammont ta’ erba’ mija u hames Ewro u tlieta u sittin centenzmu (€405.63c).

Bl-ispejjez ghall-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------